MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 977/2005/1

***C A & S Developments Ltd***

***Versus***

**Annunziata Bezzina, Helen Borg, Rosaria Borg, Anthony Borg f'isem l-imsiefra Mikelina Massa, Mary Sammut, Bartolomeo Sciberras, Paul Sciberras**

Il-qorti:
Rat ir-rikors ta' *C A & S Developments Ltd* biex il-qorti tħassar *contrario imperio* d-dikriet tagħha ta' l-14 ta' Ġunju 2005 li bih ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni; rat it-tweġiba ta' l-intimati; reġgħet rat l-atti tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat:
Rat illi r-rikorrenti qiegħda tfittex il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli jbigħu immobbli illi jgħidu illi l-intimati huma marbuta b'konvenju li jbigħu lilha; l-intimati qegħdin igħidu illi l-konvenju ma għadux jorbot.

Fi proċeduri kawtelatorji, il-qorti ma taqtax dwar il-meritu li, fil-każ tallum, jidher illi huwa dwar jekk il-konvenju għadux jorbot jew le, u, sakemm ma jidhrilhiex, imqar *prima facie*, illi r-rikorrenti ma għandhiex il-jedd minnha vantat, tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat biex ma ċċaħħadx lir-rikorrenti mill-possibbiltà li tħares il-pretensjonijiet tagħha.

Fil-każ tallum, iżda, ir-rikorrenti qiegħda tivvanta jedd illi effettivament iżżomm lill-intimati milli jiddisponu mill-proprjetà tagħhom għal żmien indefinit, u dan imur kontra l-prinċipju taċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-beni.

Barra minn hekk, kif jidher mir-rikors stess, ir-rikorrenti taf min huma dawk illi lilhom l-intimati għandhom il-ħsieb illi jbigħu l-proprjetà *de qua*, u għalhekk tista' faċilment b'att ġudizzjarju tqegħedhom *in mala fide* bil-ħsieb illi, jekk ikun il-każ, 'il quddiem tmexxi kontra tagħhom bl-azzjoni pawljana.

Billi, għal dawn ir-raġunijiet, ma hux il-każ illi tintlaqa' t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, il-qorti tiċħad it-talba biex tħassar id-dikriet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2005.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------